MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1912/2003

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Gavin Attard**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-hlas ta' Lm86.75 (sitta u tmenin lira maltin u hamsa u sebghin centezmu) rapprezentanti ghal servizzi telefonici cellulari.**

**Bl-ispejjes tal-ittra ufficjali datata 30 ta' Gunju, 2003 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment kontra l-konvenut u bl-ispejjes, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fis-17 ta' Novembru, 2003 naqas u ma deherx meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra,**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------